II

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

KUNSILL

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-31 ta' Jannar 2005

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Istat ta' l-Iżrael, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja ma' l-Unjoni Ewropea

(2006/376/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 flimkien ma' l-Artikoli 300(2) u 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Frar 2004 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, biex tiftaħ negozjati ma' l-Iżrael bl-għan li jkun aġġustat il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhhom, min-naħa l-waħda, u l-Istat ta' l-Iżrael, min-naħa l-oħra [1], biex titqies l-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda ma' l-UE.

(2) Dawn in-negozjati ġew konklużi għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni.

(3) Fl-Artikolu 13 it-test tal-Protokoll innegozjat ma' l-Iżrael jipprovdi għall-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

(4) Suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità u l-Istati Membri u applikat provviżorjament,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna/i li tkun/ikunu awtorizzata/i li tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Istat ta' l-Iżrael, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika tas-Slovakkja ma' l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni

Artikolu 2

Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha b'dan jaqblu li japplikaw b'mod provviżorju l-kondizzjonijiet tal-Protokoll, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmula fi Brussell, nhar il-31 ta' Jannar 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ASSELBORN

[1] ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.